Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,407, 17 ta' Marzu, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru VII tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kap. 537 u liġijiet varji relatati mad-droga.

ACT No. VII of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Drug Dependence (Treatment not Imprisonment) Act, Cap. 537 and various laws relating to drugs.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

17 ta' Marzu, 2025

ATT Nru VII tal-2025

ATT sabiex jemenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kap. 537 u liġijiet varji relatati mad-droga.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2025 li jemenda Liġijiet Varji relatati mad-Droga. Titolu fil-qosor.

Taqsima I
Emenda għall-Kodiċi Kriminali

2. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ il-"Kodiċi". Emenda għall-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

3. Fil-proviso għas-subartikolu (6) tal-artikolu 436 tal-Kodiċi, minnufih wara l-kliem "piena ta' priġunerija għall-għomor" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "ħlief għal reat kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż̀i". Emenda tal-artikolu 436 tal-Kodiċi. Kap. 31. Kap. 101.

Taqsima II
Emenda għall-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

Emenda għall-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap. 31.

4. Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa l-"liġi prinċipali".

Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

5. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali, il-kliem "*ecstasy*: inqas minn 300 pillola" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "*ecstasy*: inqas minn 500 pillola".

Taqsima III
Emendi għall-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i

Emendi għall-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i. Kap. 101.

6. Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa l-"liġi prinċipali".

Emenda tal-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

7. Minnufih wara s-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) jew ta' kwalunkwe liġi oħra, meta l-Qorti, filwaqt li ssib ħtija fil-persuna imputata jew akkużata taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, tkun tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi li kieku kellha timponi piena ta' priġunerija fuq tali persuna dik il-piena ma għandhiex teċċedi sentejn (2) priġunerija, il-Qorti tista' minflok ma tagħti tali piena tqiegħed lill-persuna misjuba ħatja taħt ordni kif provdut fl-Att dwar il-*Probation*:

Kap. 31.

Kap. 446.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom jiġu applikati biss għal raġunijiet illi l-Qorti tiddikjara fis-sentenza tagħha u skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ inklużi r-riabilitazzjoni tal-persuna misjuba ħatja u t-tibdil fil-mod tal-ħajja u fl-imġiba tal-persuna misjuba ħatja u tenut kont tan-natura tas-sustanza involuta, l-ammont tas-sustanza u l-purità tas-sustanza:

Iżda wkoll il-Qorti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu biss jekk il-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) priġunerija tkun fi kwalunkwe każ fil-parametri tal-liġi u tkun xierqa fiċ-ċirkostanzi irrispettivament mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw biss fir-rigward tal-ewwel sejbien ta' ħtija ta' persuna għal reat kontra din l-Ordinanza.".

Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

8. Ir-Raba' Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma" tagħha għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "herojina u kokajina: inqas minn 200 gramma"; u

(b) il-kliem "*cannabis*: anqas minn 300 gramma" tagħha għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "*cannabis*: inqas minn kilo.".

Taqsima IV
Emendi għall-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)

Emendi għall-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija). Kap. 537.

9. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "tal-Ministru responsabbli għas-saħħa:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Ministru responsabbli għas-saħħa;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) tliet (3) membri li għandhom jinħatru mill-Ministru:"; u

(ii) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-persuni maħtura skont il-paragrafi (b), (ċ) u (d) għandhom jinħatru minn fost persuni li

jipprattikaw professjonijiet jew iwettqu dmirijiet li huma rilevanti għar-riabilitazzjoni ta' persuni dipendenti fuq id-droga, u l-persuni maħtura skont il-paragrafu (e) għandhom jinħatru minn fost persuni li huma uffiċjali pubbliċi rtirati li fil-fehma tal-Ministru huma xierqa sabiex iservu fuq il-Bord u, jew minn fost persuni oħra li huma kompetenti fil-qasam tar-riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2a) Erba' (4) membri, inkluż iċ-Chairman tal-Bord għandhom jikkostitwixxu *quorum* fil-laqgħat tiegħu.".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li ma teċċedix il-kwantità ta' kwalunkwe waħda mid-drogi elenkati fl-Iskeda";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra xi liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija kien twettaq waqt perjodu ta' dipendenza fuq id-droga u r-reat huwa sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza fuq id-droga pprovata tal-akkużat;";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "jew bl-użu ta' nar jew splussiv;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew bl-użu ta' nar jew splussiv:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha għandu jkollha d-dritt, wara li tqis il-gravità tar-reat li l-persuna tkun akkużata bih, li ma tapplikax l-

esklużjoni stipulata f'dan il-paragrafu jekk ir-reat volontarju fil-konfront tal-persuna ma jkunx wieħed li jkun soġġett għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' aktar minn sentejn (2) u li ma jkunx twettaq bl-użu jew bil-pussess ta' arma tan-nar, ta' nar jew splussiv, u wara li l-Qorti tkun sodisfatta li l-applikazzjoni tal-imsemmija esklużjoni tkun ser toħloq preġudizzju li jkun sproporzjonat għall-gravità attwali tar-reat b'detriment għall-opportunità li l-akkużat jirriabilita ruħu mid-dipendenza fuq id-droga;";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "il-Bord għandu, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà tal-akkużat taħt l-artikolu 5(5), jirrakkomanda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Bord għandu, bla ħsara għal kull responsabbiltà tal-akkużat taħt l-artikolu 5(5), filwaqt li jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, jirrakkomanda";

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "il-Bord għandu jirrapporta dak il-fatt lill-Qorti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Bord għandu jirrapporta dak il-fatt f'rapport spjegat preżentat lill-Qorti";

(e) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Wara li tirċievi r-rapport imsemmi fis-subartikolu (5), il-Qorti għandha tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jipprovdilha lista tal-każijiet kriminali kollha pendenti fil-konfront tal-akkużat, ħlief f'tali kawżi li:

(a) dwarhom il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex jew ma tistax tingħata kompetenza;

(b) huma relatati ma' reati li jinvolvu akkużi kif imsemmi fil-paragrafu (2)(b); u

(ċ) dwarhom il-Qorti tkun iddeċidiet li ma tapplikax l-imsemmi subartikolu,

u l-Qorti għandha, sa fejn hija tqis il-miżura bħala li tkun fl-aħjar interessi tar-riabilitazzjoni tal-akkużat u wara li tqis b'mod xieraq l-interessi tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja u tal-vittmi, tordna li kopja tal-imsemmi rapport tiġi ammessa fl-atti tal-kawżi hawn fuq imsemmija

u tkun vinkolanti fuq il-qrati li jkunu qegħdin jieħdu konjizzjoni tal-kawżi rispettivi fil-konfront tal-akkużat inkwantu tali rapport ikun, fil-fehma tal-imsemmija qrati, rilevanti għaċ-ċirkostanzi tal-kawżi pendenti quddiemhom.";

(f) is-subartikolu (6A) fl-intier tiegħu għandu jiġu mħassar;

(g) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Fil-każijiet fejn il-Qorti tirċievi rapport imħejji skont is-subartikolu (5)";

(ii) fil-proviso tiegħu l-kliem "għad-dipendenza tagħha fuq id-droga." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għad-dipendenza tagħha fuq id-droga:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll f'dawk il-kawżi fejn il-Qorti tkun irċeviet rapport imħejji skont is-subartikolu (5) u tiddeċiedi li timponi ordni skont l-Att dwar il-*Probation* jew li tagħti sentenza sospiża, f'tali każijiet fejn sussegwentement il-persuna ħatja twettaq reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tal-imsemmi ordni jew sentenza sospiża, tali persuna għandha titqies li tkun kisret l-imsemmi ordni jew il-kondizzjonijiet tas-sentenza sospiża u konsegwentement għandha tiġi ġġudikata mill-ġdid għar-reat oriġinali li dwaru kien ingħata ordni ta' *probation* jew sentenza sospiża.";

Kap. 446.

(h) fis-subartikolu (11) tiegħu l-kliem "dan ir-riferiment sar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dik ir-referenza ma saritx".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

12. Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali l-kliem "imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "imwettaq fi, jew fir-rigward ta' ħabs jew post ieħor ta' detenzjoni:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-paragrafu (b) ma għandux japplika meta ċ-ċirkostanzi kollha li ġejjin ikunu jissussistu:

(a) fejn ir-reat li bih l-akkużat ikun mixli jkun jirriżulta mill-pussess ta' ammont żgħir ta' droga projbita u

l-akkużat ma jkunx mixli bi traffikar ta' droga jew pussess ta' droga projbita f'ċirkostanzi li jindikaw li tali pussess ma kienx għall-użu personali tal-akkużat;

(b) fejn ir-reat li bih l-akkużat ikun mixli jkun twettaq waqt perjodu ta' dipendenza fuq id-droga u r-reat huwa sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza fuq id-droga ppruvata tal-akkużat; u

(ċ) l-akkużat ma jkunx għadu priġunier skont l-artikolu 2 tal-Att dwar il-Ħabs jew ma jkunx għadu detenut f'post ieħor ta' detenzjoni.". Kap. 260.

13. Minnufih wara l-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandha tiġi miżjuda l-Iskeda ġdida li ġejja: Żieda ta' Skeda fl-Att prinċipali.

"SKEDA
(artikolu 8)

Ammonti ta' droga pprojbita għall-finijiet tal-artikolu 8(1):

1. amfetamina: inqas minn 300 gramma

2. *cannabis*: inqas minn 300 gramma

3. *ecstasy*: inqas minn 300 pillola

4. herojina u kokajina: inqas minn 100 gramma

5. ketamina: inqas minn 150 gramma

6. LSD: inqas minn 300 kwadru

7. Kwalunkwe droga projbita oħra: inqas minn 300 pillola jew 300 kwadru fil-każ li d-droga tkun fil-forma ta' pilloli jew ta' kwadri, jew inqas minn 100 gramma fil-każ li d-droga tkun f'xi forma li ma tkunx tikkonsisti f'pilloli jew kwadri.".

A 94

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 322 tat-12 ta' Marzu, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati